MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tal-15 ta' Mejju, 2008

Citazzjoni Numru. 825/2007

**Av. Philip Manduca bhala mandatarju specjali tas-socjeta**
**PUMA AG Rudolf Dassler Sport**
**vs**

**Avukat Dottor Anthony Cutajar u il-Prokuratur Legali Hilda Ellul Mercer b'digriet tas-17 ta' Awissu, 2007 nominati kuraturi deputat sabiex jirrapprezentaw lil Al Rowad Shipping**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ippresentat mill-attur nomine fil-31 ta' Lulju, 2007, li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

Illi s-socjeta' attrici hi proprjetarja tal-marka "PUMA" registrat f'Malta bin-numru 13091 u tal-marka "Cat" registrat f'Malta bin-numru 13092;

Illi dan l-ahhar l-konvenut ikkontravjena t-trademark in kwistjoni billi uza sinjal identiku mat-trademark ghar-rigward ta' oggett li huwa identici ma' dawk li dwarhom it-trademark tas-socjeta attrici giet registrata u dan billi gab f'Malta kwantita ta' track suits bil-marki ta' "Puma" liema track Suits mhumiex modelli tas-societa attrici, f'packing mhux tas-socjeta attrici liema items huma "fake";

Illi ghalhekk l-konvenut ikkaguna danni lis-socjeta attrici;

Illi ghalhekk hemm lok li jsir il-qerda ta' l-oggetti fil-pussess u/jew spaccjati u jew prodotti u jew importati f'Malta mill-konvenut bil-marka proprjeta tas-socjeta attrici u dan kif provdut fl-artikolu 15 ta' l-Att dwar it-Trademarks u l-att tmienja tas-sena 2000 Kapitolu 414 tal-ligijiet ta' Malta (EC 1383/2003);

Talab lill-konvenut ighid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

(1) Tiddikjara li l-konvenut ikkontravjena t-trademark jew trademarks proprieta tas-socjeta' attrici u l-Att tmienja (8) tas-sena 2000 Kapitolu 414 tal-Ligijiet ta' Malta u b'hekk ikkaguna danni lis-socjeta' attrici;
(2) Tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta' attrici minhabba l-agir tal-konvenut;
(3) Tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici dawk id-danni fuq imsemmija;
(4) Tordna l-qerda tal-oggetti (track suits) spaccjati u / jew prodotti u jew migjuba f'Malta fil-container CRX 9860362 mill-konvenut bit-trademark / s tas-socjeta' attrici;

Bl-ispejjez presentati kontestwalment kontra l-konvenut li hu ingunt ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda ta' l-attur nomine;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tas-17 ta' Awissu, 2007, li "in forza" tieghu inhatru l-Avukat Dr Anthony Cutajar u l-Prokuratur Legali Hilda Ellul Mercer bhala kuraturi biex jirrapprezentaw lill-kumpannija konvenuta ghall-finijiet kollha tal-Ligi;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti kuraturi li *in forza* taghha eccepew :

1. Illi f'dan l-istadju huma mhumiex edotti mill-fatti tal-kawza, izda jirriservaw li jippresentaw risposta ulterjuri meta u jekk jirnexxilhom jikkomunikaw mas-socjeta assenti minnhom rappresentata u ghal dan il-ghan ir-rikkorrenti noe ghandu jipprovdi lill-intimati kuraturi deputati kull indirizz li jista ghandu tas-socjeta assenti sabiex jkunu jistghu jikkomunikaw maghha;

Rat il-lista tax-xhieda tal-kuraturi deputati;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi kollha li gew prodotti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat illi l-Qorti giet awtorizzata mill-Avukati difensuri tal-partijiet biex tghaddi ghas-sentenza;

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat :

Illi irrizulta illi Dr Philip Manduca huwa l-mandatarju specjali f'Malta tas-socjeta' estera PUMA AG Rudolph Dassler Sport, ghal dak li jirrigwarda l-marki u l-protezzjoni tal-marki ta' din is-socjeta' f'Malta. Gara illi idahhlet konsenja f'Malta ta' track suits bil-marki ta' PUMA; liema track suits mhumiex modelli tas-socjeta' attrici, f'packing mhux tas-socjeta attrici liema items huma "fake".

Illi dawn it-track suits iddahhlu f'Malta permezz ta' container bin-numru CRXU 9860362 li kien inhatt fil-Port Hieles ta' Marsaxlokk minn fuq il-vapur Northern Fortune fl-14 ta' Lulju 2007.

Illi skond il-polza ta' tghobbija li iggib in-numru TSWD000830 tal-vjagg numru FI344W li gie ipprezentat mill-agent tal-vapur, jigifieri CMA CGM (Malta), l-origini tal-container kienet ic-Cina u kien destinat ghal l-Algerija.

Illi l-attur nomine bhala rapprezentant tas-socjeta' estera PUMA AG Rudolph Dassler Sport gie infurmat mid-Dwana li kienet waslet f'Malta din il-kwantita ta' track suits suspettati li kienu foloz u gie mitlub sabiex jivverifika jekk effettivament it-track suits kienux foloz jew le. Ghal din ir-raguni Dr Manduca talab lid-Dwana biex jaghtuh samples ta' dawn it-track suits u Dr Manduca baghat dawn is-samples lill-principali tas-socjeta' estera minnu rapprezentata illi ikkonfermawlu, wara illi s-samples gew ezaminati minn Neil Narriman, il-Brand Protection Manager tas-socjeta' estera attrici, illi t-track suits in kwistjoni kienu foloz.

Illi ghalhekk l-attur nomine kellu jaghmel il-kawza odjerna fiz-zmien opportun.

Ikkunsidrat :

Illi l-konvenuti kuraturi deputati ipprezentaw nota fis-7 ta' Dicembru 2007 illi permezz taghha infurmaw lill-Qorti illi huma kienu ippruvaw jibghatu fax lis-socjeta' konvenuta estera minnhom rapprezentata fuq in-numru tal-fax indikat fil-bill of lading u cioe' 21851617102, izda din il-fax ma setghetx tigi trasmessa peress illi meta gie uzat in-numru hawn fuq imsemmi u dana ghal diversi drabi insemghet, 'voice mail' tghid "n-numru li iddaljajt ma jezistix".

Illi wara li l-Qorti qieset il-provi prodotti u l-fatti fuq imsemmija ma dak li tipprovdi l-ligi waslet ghas-segwenti konkluzzjonijiet :

a. il-kumpannija attrici hija detentrici ta' dritt li ghalih japplika l-Att VIII tal-2000, u dan kif imfisser fl-artikolu 2 tieghu;

b. illi l-oggetti mnizzla l-art f'Malta ma kellhomx marka li saret bil-kunsens tal-kumpannija attrici u lanqas jidher li gew manufatturati bil-kunsens taghha, u dan ghall-finijiet tal-artikolu 3 tal-imsemmi Att;

c. illi d-dhul tal-imsemmija oggetti huwa projbit, ladarba jikser il-jeddijiet tal-kumpannija attrici;

d. illi jidher li l-kumpannija attrici wettqet ukoll l-obbligi taghha dwar taghrif moghti lill-awtoritajiet kompetenti f'Malta ghall-finijiet tal-artikolu 5 tal-Att;

e. it-talba tal-kumpannija attrici biex il-konsenja tat-track suits *in kwistjoni* tigi meqruda hija wahda mill-effetti li l-ligi tahseb ghalihom dwar id-dhul f'Malta ta' hwejjeg falsifikati li jiksru l-jeddijiet ta' proprjeta' intellettwali ta' xi persuna, kif imfissra fl-artikolu 2 tal-Att; u

f. il-falsita' tal-imsemmija track suits tinsab ippruvata fi grad tekniku bizzejjed, u ammissibbli fil-ligi, li l-Qorti ma thossx il-htiega li tahtar espert biex jaghmel kostatazzjonijiet ohrajn, minghajr ma tkun qeghda b'hekk izzid l-ispejjez inutilment;

Illi ghalhekk il-Qorti ssib illi l-attur nomine wera tajjeb bizzejjed illi l-kumpannija estera attrici kellha ragun temmen illi t-track suits illi ddahhlu f'Malta kif fuq inghad kienu jiksru l-jeddijiet intellettwali taghha kif imharsin minn qabel mill-awtoritajiet Maltin, u li l-helsien taghhom mill-Kontrollur tad-Dwana jkun ifisser telf finanzjarju kbir li ma jkunx hafif ghaliha li taghmel tajjeb ghalih jekk mhux biz-zamma ghal dejjem taghhom jew bil-qerda taghhom, ukoll jekk kien mahsub li l-ahhar destinazzjoni kienet sejra tkun f'pajjiz iehor barra minn Malta.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza billi tilqa' l-ewwel talba attrici, tichad it-tieni talba attrici peress illi l-Qorti tara illi ma gewx ikkagunati danni lis-socjeta' estera attrici u dana peress illi l-oggetti inzammu kollha mill-Kontrollur tad-Dwana, konsegwentement tichad ukoll it-tielet talba attrici ghar-raguni fuq imsemmija u tilqa r-raba talba attrici u tordna l-qerda tat-track suits imsemmija spaccjati u / jew prodotti u jew migjuba f'Malta fil-container CRX 9860362 u tipprefiggi terminu ta' hmistax il-gurnata tax-xoghol mill-lum sabiex il-Kontrollur tad-Dwana jiddistruggi it-track suits in kwistjoni.

Bl-ispejjez, kontra s-socjeta' estera konvenuta, b'dan illi provizzorjament id-drittijiet tal-kuraturi ghadhom jithallsu mill-attur nomine.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------